# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/220

## tal-1 ta' Frar 2023

## li tistabbilixxi u tiżviluppa l-istandard tal-format universali tal-messaġġi (FUM) skont ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 38(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/817, flimkien mar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi qafas li jiżgura l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri, il-viża, il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni.

(2) Dawn ir-Regolamenti jipprovdu għal format universali ta' messaġġ (FUM) biex iservi bħala standard għall-iskambju strutturat u transfruntier ta' informazzjoni bejn is-sistemi ta' informazzjoni, l-awtoritajiet jew l-organizzazzjonijiet fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

(3) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi tal-FUM għall-iżvilupp tal-EES, l-ETIAS, il-portal Ewropew tat-tfittxija (European search portal, ESP), ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (common identity repository, CIR), id-detettur ta' identitajiet multipli (multiple-identity detector, MID) kif definit fir-Regolament (UE) 2019/817 u li jkun hemm dispożizzjoni speċifika għat-tikkettar tal-kampijiet tad-*data* għas-sistemi li jaqgħu fl-ambitu tal-interoperabbiltà.

(4) Billi r-Regolament (UE) 2019/817 jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka nnotifikat l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/817 fil-liġi nazzjonali tagħha. Għaldaqstant hija marbuta b'din id-Deċiżjoni.

(5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tieħux sehem ([3]). għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

([3]) Din id-Deċiżjoni ma taqax fl-ambitu tal-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

(6) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ([4]) ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([5]).

(7) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ([6]) ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([7]).

(8) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ([8]) ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([9]).

(9) Fir-rigward ta' Ċipru, il-Bulgarija u r-Rumanija, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jimxi fuq il-passi tal-*acquis* ta' Schengen, jew huwa altrimenti marbut miegħu, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 u l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005, rispettivament.

(10) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) u ta l-opinjoni tiegħu fil-2 ta' Awwissu 2022.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) 2019/817,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Definizzjoni**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

([4]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

([6]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

([8]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(1) "sistema tal-informazzjoni" tfisser sistema ċentrali jew nazzjonali tal-ipproċessar tad-*data* u kwalunkwe wieħed mill-komponenti tal-interoperabbiltà li ġejjin: il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u d-detettur ta' identitajiet multipli (MID).

*Artikolu 2*

**Standard tal-Format Universali tal-Messaġġi (FUM)**

1. L-istandard tal-format universali tal-messaġġi (FUM) għall-iskambju transfruntier ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet jew l-organizzazzjonijiet fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni għandu jkun kif stabbilit fl-Anness I.

2. L-istandard tal-FUM għandu jintuża, jekk ikun xieraq, fl-iżvilupp mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) jew minn kwalunkwe aġenzija oħra tal-Unjoni għal mudelli ġodda ta' skambju ta' informazzjoni u sistemi ta' informazzjoni fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

3. L-elementi stabbiliti fl-Anness II, derivati mill-istandard tal-format universali tal-messaġġi (FUM), għandhom jintużaw fl-iżvilupp tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), u l-komponenti tal-interoperabbiltà li ġejjin: l-ESP, is-CIR u l-MID.

*Artikolu 3*

**Użu tal-FUM**

1. L-istandard tal-FUM jista' jintuża għall-iskambju ta' informazzjoni bejn sistemi ta' informazzjoni, awtoritajiet jew organizzazzjonijiet fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

2. L-istandard tal-FUM għandu jintuża biex jiddeskrivi l-informazzjoni skambjata bejn is-sistemi ta' informazzjoni fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-komponenti tal-interoperabbiltà stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5.

3. L-istandard tal-FUM ma għandux ikun obbligatorju għad-deskrizzjoni tal-elementi tad-*data* maħżuna f'sistema ta' informazzjoni jew bażi tad-*data*.

*Artikolu 4*

**Użu tal-istandard tal-FUM għall-iżvilupp tal-ESP**

L-istandard tal-FUM għandu jintuża biex jiddeskrivi u jittikketta l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar u d-*data* bijometrika mfittxija u riċevuta permezz tal-ESP.

*Artikolu 5*

**Użu tal-istandard tal-FUM għall-iżvilupp tas-CIR u tal-MID**

L-istandard tal-FUM għandu jintuża biex jiddeskrivi u jittikketta l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar u d-*data* bijometrika użati għall-informazzjoni skambjata mas-CIR u mal-MID imsemmija fl-Artikoli 20 u 22 tar-Regolament (UE) 2019/817.

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Frar 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

L-istandard tal-Format Universali ta' Messaġġ (FUM) jikkonsisti fid-dokumenti li ġejjin imwassla bħala riżultat tal-Proġett FUM iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea.

(1) "UMF3.1_BusinessDescription.",

(2) "UMF XML Schema Overview 3.1",

(3) "UMF V3.1 Schema&TestSamples".

Dawn id-dokumenti huma disponibbli fuq https://circabc.europa.eu/ui/group/af638ba5-eb84-4476-87fb-9a76ad669d2e. Dan is-sit web huwa ġestit mis-Segretarjat tal-FUM ospitat fid-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni tal-Kummissjoni Ewropea. L-aġġornamenti kollha ta' dawn id-dokumenti huma ppubblikati fuq l-istess sit.

*ANNESS II*

Tabella ta' tassonomija tal-FUM tal-elementi tad-*data* tal-identità u tad-dokument tal-ivvjaġġar fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, l-ECRIS- TCN u l-komponenti tal-interoperabbiltà.

| Tikketta tal-elementi tad-*data* | Immappjar tal-FUM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| FamilyName | PersonIdentity.PersonCoreName.FamilyName | Il-kunjom jew il-kunjom ta' persuna. Il-kunjom normalment huwa kondiviż bejn il-membri ta' familja. Ikun fih il-partijiet kollha tal-kunjom inklużi l-prefissi. |
| FamilyNameAtBirth | PersonIdentity.PersonCoreName.BirthName | Kunjom, kunjom tal-familja jew kunjom ta' persuna mat-twelid |
| PreviousFamilyName | a1) PersonIdentity.OtherName.Type LUT-value: PreviousName<br>a2) PersonIdentity.OtherName.Description | Il-kunjom, il-kunjom tal-familja jew il-kunjom użat fil-passat u mibdul b'mod leġittimu. |
| PreviousFirstNames | a1) PersonIdentity.OtherName.Type LUT-value: PreviousName<br>a2) PersonIdentity.OtherName.Description | Ismijiet preċedenti, pereż. meta l-ismijiet inbidlu b'mod leġittimu. |
| OtherName | a1) PersonIdentity.OtherName.Type LUT-value: NotAssignableName<br>a2) PersonIdentity.OtherName.Description<br>[Available with UMF 3.1] | Isem ieħor huwa isem formali jew mhux uffiċjali li bih persuna tkun magħrufa (psewdonimi, isem/ismijiet artistiku/artistiċi, isem/ismijiet tas-soltu). |
| FirstName | PersonIdentity.PersonCoreName.FirstName | L-isem/ismijiet ta' persuna. L-ismijiet kollha li huma parti minn identità ta' persuna. |
| DateOfBirth | PersonIdentity.DateOfBirth | Id-data li fiha persuna twieldet jew tqieset uffiċjalment li twieldet. |
| PlaceOfBirth | PersonIdentity.PlaceOfBirth | Belt, raħal jew lokalità oħra fejn persuna twieldet jew tqieset li twieldet. |
| CountryOfBirth | PersonIdentity.CountryOfBirth | Il-pajjiż tat-twelid huwa l-pajjiż fejn persuna twieldet jew tqieset uffiċjalment li tkun twieldet. |
| Gender | PersonIdentity.Gender | Il-ġeneru huwa s-sess ta' persuna |
| FamilyNameOfFather | a1) PersonIdentity.ParentOrGuardianName.Type LUT-value: Father<br>a2) PersonIdentity.ParentOrGuardianName.FamilyName<br>[Available with UMF 3.1] | Il-kunjom, il-kunjom tal-ewwel ġenitur (il-missier) ta' persuna |

Tabella ta' tassonomija tal-FUM tal-elementi tad-*data* tal-identità u tad-dokument tal-ivvjaġġar fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, l-ECRIS- TCN u l-komponenti tal-interoperabbiltà.

| Tikketta tal-elementi tad-*data* | Immappjar tal-FUM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| FirstNameOfFather | a1) PersonIdentity.ParentOrGuardianName.Type<br>LUT-value: Father<br>a2) PersonIdentity.ParentOrGuardianName.FirstName<br>[Available with UMF 3.1] | Isem/Ismijiet tal-ewwel ġenitur (il-missier) ta' persuna |
| FamilyNameOfMother | a1) PersonIdentity.ParentOrGuardianName.Type<br>LUT-value: Mother<br>a2) PersonIdentity.ParentOrGuardianName.FamilyName<br>[Available with UMF 3.1] | Il-kunjom, il-kunjom tat-tieni ġenitur (l-omm) ta' persuna |
| FirstNameOfMother | a1) PersonIdentity.ParentOrGuardianName.Type<br>LUT-value: Mother<br>a2) PersonIdentity.ParentOrGuardianName.FirstName<br>[Available with UMF 3.1] | Isem/Ismijiet tat-tieni ġenitur (l-omm) ta' persuna |
| Nationality | PersonIdentity.Nationality.Country | Pajjiż li fih persuna għandha ċittadinanza legali (jew indikazzjoni ta' kundizzjoni apolida). |
| NationalityAtBirth | a1) PersonIdentity.Nationality.Country<br>a2) PersonIdentity.Nationality.StartDate = DateOfBirth | Pajjiż jew pajjiżi li fihom persuna kellha ċittadinanza legali mat-twelid |
| DocumentType | Document.DocumentType | Tip ta' dokument |
| DocumentNumber | Document.NumberInformation.Number | Numru alfanumeriku, li ġie assenjat mis-sid, il-portatur, l-utent, il-pubblikatur, id-distributur, l-emittent jew il-manifattur tad-dokument. |
| IssuingCountry | Document.IssuingAuthority.NationalAffiliation | Pajjiż tal-awtorità emittenti tad-dokument |
| IssuingAuthority | Document.IssuingAuthority.Department/Agency.Name | L-isem tal-awtorità li ħarġet id-dokument. |
| IssueDate | Document.IssueDate | Data meta nħareġ id-dokument |
| ValidUntil | Document.ValidUntil | Data sakemm id-dokument ikun validu |
| FullName | PersonIdentity.PersonCoreName.FullName | L-isem sħiħ huwa isem komplut ta' persuna. L-isem sħiħ tal-attribut fih l-isem sħiħ ta' persuna. Apparti mill-kontenut tal-isem, il-kunjom u, f'xi sistemi, l-isem patronomiku, dan jista' jġorr partijiet addizzjonali ta' isem ta' persuna bħal titoli, ismijiet tan-nofs jew suffissi bħal "it-tielet", "III" jew ismijiet li la huma l-isem proprju (mogħti) u lanqas kunjom |

| Elementi ta' *data* bijometrika preżenti fl-EES u fl-sBMS (Servizz kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku) | |
|---|---|
| Tikketta ta' elementi tad-*data* | Deskrizzjoni |
| BiometricType | Indikazzjoni tal-modalità bijometrika. |
| NISTFormat | Il-format NIST li ntuża għall-iskambju tal-kampjun bijometriku. |
| NIST | Il-fajl binarju tad-*data* bijometrika. |
| MatchingScore | Riżultat tat-tqabbil, li jindika l-grad ta' xebh bejn il-kampjuni bijometriċi (għall-marki tas-swaba', il-punteġġ tat-tqabbil huwa għas-sett sħiħ tal-marki tas-swaba' mid-*data* tas-sonda). Aktar ma jkun għoli l-punteġġ, aktar ikun għoli x-xebh. |
| MatchingInterval | Dan l-element jindika f'liema intervall il-punteġġ tat-tqabbil jinsab taħt, bejn u 'l fuq mil-limitu ta' tqabbil u l-limitu ta' tqabbil possibbli. |
| Immaġni tal-wiċċ | |
| QualityValue | An indication of the quality of the biometric. Il-punteġġi tal-kwalità bijometrika tal-immaġnijiet tal-wiċċ huma bbażati fuq algoritmu li jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-ISO/IEC 19794-5: 2011. |
| NotProvidedReason | Valur tat-tabella tal-kodiċi li jindika raġuni għaliex l-immaġni tal-wiċċ ma ġietx ipprovduta. |
| Source | Il-valur tat-tabella tal-kodiċi li jindika s-sors tal-immaġni tal-wiċċ. |
| Marki tas-swaba | |
| QualityValue | Indikazzjoni tal-kwalità tal-bijometrika. Il-punteġġi bijometriċi tal-kwalità tal-marki tas-swaba' huma bbażati fuq NFIQ 2.0 (NIST Fingerprint Image Quality version 2.0). |
| NotProvidedReason | Il-valur tat-tabella tal-kodiċi li jindika r-raġuni għaliex il-marki tas-swaba' ma ġewx ipprovduti. |
| FingersPermutation | Indikatur dwar jekk il-verifika għandhiex issir bil-permutazzjoni tas-swaba' jew le. |
| HandsPermutation | Indikatur jekk it-tfittxija għandhiex issir b'permutazzjoni tal-idejn jew le. Applikabbli biss għal identifikazzjonijiet bil-marki tas-swaba'. |